MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2014

Numru. 1258/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Stanislaus Agius**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stanislaus Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 413479(M).

Akkuzat talli:
Fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Awwissu 2011, gewwa Haz-Zabbar, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqies vjolenza pubblika fuq il-persuna tal-kuntistabbli 886 Emanuel Micallef, li hija persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li

kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni tas-Surgent tal-Pulizija 192 Ramon Godano u il-kuntistabbli 886 Emanuel Micallef, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe` is-Surgent tal-Pulizija 192 Ramon Godano u l-kuntistabbli 886 Emanuel Micallef, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikorstanzi qal kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz li semghet ix-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat rezistenza u vjolenza fuq ufficjali tal-pulizija wara li l-imputat kellu dizgwid mal-gharusa tieghu. Din kienet trid titilqu u meta marret biex iggib il-hwejjeg taghha mid-dar tal-imputat, huma bdew jiggieldu bil-konsegwenza illi kellha tigi l-pulizija sabiex tikkalma s-sitwazzjoni. Illi anke kif xehed l-ex-Spettur Jesmond Borg, jidher illi l-imputat kien fi stat eccitattiv u wara li tkompliet il-glieda allegatament kien hemm konfront verbali mal-pulizija u dan spicca jitlaq bil-karozza u jsuq b'mod perikoluz u l-pulizija kellhom izommuh u f'dan l-istadju kien hemm ukoll rezistenza fuq dawn il-pulizija u attakk kontrihom.

Semghet ix-xhieda tal-pulizija li kienu hemm fuq il-post dakinhar tal-fatt u cioe` lil PS 192 Ramon Godano u PC886 Emanuel Micallef.

Ramon Godano spjega l-verzjoni tal-fatti u cioe` li hu u siehbu PC886 marru jakkumpanjaw lil Dillian Refalo fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2011 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' fil-ghaxija (10:30 p.m.) sabiex tmur fir-residenza fejn kienet toqghod mal-imputat sabiex iggib xi hwejjeg taghha. Illi huma qaghdu barra t-triq jistennew lill-imputat jigi. Mal-wasla tiehgu hu kien agitat u beda jghajjat li mhux ser ihalli l-hadd jidhol id-dar u beda jghajjar u joffendi lill-pulizija u jheddidhom li ser isuq fuqhom. Fil-pront dan ix-xhud qala' ic-cwievet mill-karozza tal-imputat u f'dan il-waqt huwa pprova jhebb ghalih u mbaghad ftit wara telaq jigri u l-pulizija kellhom jaraw fejn isibuh.

Sadanittant iltaqghu ma' missier l-imputat li flimkien marru jfittxuh u meta lemhuh beda jghajjar u jofffendi lil PC 886 u ftit wara xejjer daqqa ta' ponn lix-xufier tieghu liema xufier laqa' din id-daqqa. Dan rega' mar jigri x'imkien iehor. Irrizulta li l-imputat mar minn jeddu l-ghassa l-ghada.

PC 886 Emanuel Micallef, filwaqt illi kkonferma dak kollu li qal il-kollega tieghu Ramon Godano, zied jghid illi wara li l-imputat qallhom li kien ser isuq fuq il-pulizija, hareg mill-karozza u dan beda jghajjat li huma kienu qeghdin isawwtuh ghaliex kien hemm ragel barra t-triq. Illi dan ix-

xhud spjega wkoll kif l-imputat kien gej biex itih daqqa ta’ ponn meta il-kuntistabbli kien fuq in-naha tax-xufier tal-karozza u meta dan rah gej mill-mera tal-genb, huwa hareg idejh u laqaghha b’idejh. PC 886 finalment spjega illi meta gie l-imputat l-ghassa l-ghada tal-fatt huwa skuza ruhhu mal-pulizija.

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tifli sewwa l-istqarrija tal-imputat fid-dawl ta’ dak li xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru 2012. Huwa fil-fatt stqarr illi hu u Dilianne Refalo kienu ilhom bil-problemi bejniethom meta dakinhar tal-incident hija baghtitlu messagg fil-ghaxija sabiex tiehu l-affarijiet taghha mid-dar tieghu. Huwa qabel u meta mar fuq il-post u ra lill-pulizija barra d-dar, huwa rrabja u beda jghid illi huma ma kienux ser jidhlu f’daru. Huwa kkonferma illi beda jargumenta mal-pulizija izda il-verzjoni tieghu ghaliex ma obdiex l-ordinijiet taghhom kien ghaliex bdew jipprovokawh. Fl-istqarrija tieghu l-imputat stqarr illi kien ta daqqa ta’ ponn lil PC 886 izda fix-xhieda tieghu huwa cahad li qatt tah din id-daqqa. Fil-fatt, ghalkemm PC 886 ma sofra l-ebda tip ta’ griehi hekk kif xehdet it-tabiba, pero` temmen il-verzjoni taz-zewg pulizija nvoluti illi l-imputat attakka lill-persuna ta’ PC 886 meta dan kien fil-karrozza izda l-kuntistabbli lahaq rah u zamm id-daqqa.

Ikkunsidrat finalment illi dakinhar tal-lejl bejn is-sitta u ghoxrin (26) u s-seba’ u ghoxrin (27) ta’ Awwissu 2011, l-imputat Stanislaus Agius mar fil-post *de quo* bil-volonta` kollha tieghu u dan ghaliex kien jaf ghal x’hiex kien sejjer hemm. Illi l-komportament tieghu inbidel ghal kollox meta lemah lill-pulizija fuq il-post u meta dawn kienu ghadhom l-anqas biss kellmuh.

Illi l-imputat ghall-ebda raguni valida fil-ligi, ha komportament ostili lejn il-pulizija u minflok ma tkellem b’mod civili u forsi sab kompromess maghhom sabiex tigi rizolta l-kwistjoni minghajr problemi, huwa halla qalbu tigri bih u rritorca r-rabja tieghu versu l-pulizija.

Illi l-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni tal-istess imputat illi huwa kien ipprovokat mill-pulizija u dan ghaliex kif inghad

hawn fuq, il-komportament tieghu lejhom (kif anke kkonferma hu stess) kien wiehed ostili tant illi beda jingurjhom u jheddidhom li ser isuq fuqhom u dan b'mod illi ma hallijhomx jezercitaw ix-xoghol taghhom b'mod seren kif tirrikjedi l-ligi.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95(1), 96(a), 338 (dd), 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Stanislaus Agius** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghar-raba' (4) akkuza stante li ma gietx ippruvata u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija sospizi ghal erbatax-il (14) xahar.

Finalment spjetat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------